MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 77/2019 LM

**Plamenov Angelov (K.I. numru 27246A)**
*("l-appellat")*

***vs*.**

**Joseph Borg (K.I. Nru. 724262M) u Sandra Borg (K.I. Nru. 73166M), li jiġġestixxu n-negozju 'Gym Stars', u b'digriet tat-12 ta' Diċembru, 2016, ġiet kjamata in kawża HF Investments Ltd (C 17186)** *("is-soċjetà appellanta")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà msejħa fil-kawża **HF Investments Ltd (C 17186)** rappreżentata minn Joseph Borg (K.I. Nru. 724262M) fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-istess soċjetà, [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà

appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2019, nru 2615 [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tar-rikorrent **Plamenov Angelov (K.I. Nru. 27246A)** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] fil-każ nru 3482/JHP fl-ismijiet fuq premessi, billi ddikjara li t-terminazzjoni mill-impjieg tal-appellat ma kinitx għal raġuni serja u skont il-liġi u għalhekk ordna lis-soċjetà appellanta sabiex tħallsu kumpens ta' €5,000.00 (ħamest elef Euro) fi żmien erba' ġimgħat minn dik id-deċiżjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija allegatament inġusta tal-appellat mis-soċjetà appellanta, filwaqt li dan kien impjegat bħala għalliem tal-ġinnastika.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Awwissu, 2016, permezz ta' rikors fejn talab sabiex l-imsemmi Tribunal:

> *"(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ora talvolta meħtieġa u neċessarja, jiddikjara illi l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent mal-intimati ġie terminat inġustament u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*
>
> *(ii) konsegwentement jiddikjara illi l-intimati huma responsabbli għall-ħlas ta' kumpens lill-esponent;*
>
> *(iii) jillikwida l-kumpens dovut mill-intimati lill-esponent;*

*(iv) jikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponent dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal bħala kumpens lilu dovut għat-tkeċċija inġusta mill-impjieg tiegħu;*

*(v) jiddikjara illi l-intimati naqset milli jħallsu lill-esponent il-ħlasijiet kollha lilu dovut in linea ta' salarju,* vacation leave entitlement *u/jew* bonuses;

*(vi) jillikwida dawk il-ħlasijiet dovuti mill-intimati lill-esponent ħlasijiet in linea ta' salarju,* vacation leave entitlement *u/jew* bonuses*;*

*(vii) jikkundanna lill-intimati biex iħallsu lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta' salarju,* vacation leave entitlement *u/jew* bonuses.

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati".*

4. L-intimati **Joseph Borg u Sandra Borg** ippreżentaw ir-risposta tagħhom fit-3 ta' Ottubru, 2016, quddiem it-Tribunal fejn eċċepew: (a) l-intimati Joseph Borg u Sandra Borg ma kinux il-leġittimi kontradditturi; (b) l-appellat kien impjegat tas-soċjetà H.F. Investments Limited; (ċ) it-tkeċċija tal-appellat kienet ġusta; (d) fil-passat l-appellat kien ingħata għadd ta' twissijiet; (e) min kien qed imexxi l-*gym* kien tkellem għalxejn mal-appellat dwar l-ilmenti fir-rigward tal-imġiba tiegħu, iżda kollu għalxejn; (f) is-soċjetà H.F. Investments Limited ma kellha tagħti xejn lill-appellat.

**<u>Is-sejħa fil-kawża s-soċjetà H.F. Investments Ltd</u>**

5. Permezz ta' rikors ippreżentat b'urġenza fit-Tribunal fit-2 ta' Diċembru, 2016, l-appellat talab għar-raġunijiet hemm premessi, sabiex tissejjaħ fil-kawża s-soċjetà appellantà. It-Tribunal wara li ra wkoll il-visto tal-avukat difensur tal-intimati, ordna li din is-soċjetà kellha tiġi msejħa fil-kawża.

6. Fid-9 ta' Frar, 2017, is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-risposta tagħha fejn eċċepiet dan li: (a) it-tkeċċija tal-appellat kienet ġusta; (b) fil-passat l-appellat kien ingħata għadd ta' twissijiet; (ċ) min kien qed imexxi l-*gym* kien tkellem mal-appellat dwar ilmenti fir-rigward tal-imġiba tiegħu, iżda kien kollu għalxejn; u (d) ma kien dovut xejn lill-appellat.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***"7.1 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:***
>
> *It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu f'dan il-każ ħares lejn dawn l-aspetti:*
>
> *X'kien l-anandament tar-relazzjoni lavorattiva bejn is-socjetà intimata u ir-rikorrent f'tul ta' żmien sosstanzjalment twil?*
>
> *X'kienu ir-raġunijiet li wasslu għat-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent?*
>
> *X'kienu il-proċeduri li intużaw mis-soċjetà intimata, sabiex waslet għat-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent?*
>
> *It-Tribunal, mix-xhieda mogħtija, ikkonferma li ir-relazzjoni tal-impjieg bejn ir-rikorrent u is-soċjetà intimata kienet waħda eċċellenti mill-bidu tagħha. Dan joħroġ mix-xhieda fejn mhux talli ġie miġjub f'Malta fuq talba tal-istess soċjetà, iżda ġie mogħti kuntratt ta' xogħol li kien inkluż fih residenza fejn jista' jgħix, kif ukoll li ir-relazzjoni żviluppat f'dik ta' waħda fuq livell personali aċċettabbli miż-żewg partijiet. Matul is-snin tal-impjieg tar-rikorrent il-ħajr u tifħir għal kontribut siewi fid-doveri tiegħu ma kien jonqos qatt.*
>
> *It-Tribunal, b'riferenza għar-rapport li kien sar indirettament lil-Appoġġ, ma sabx provi b'saħħithom li setgħu jissostanzjaw l-inċidenzi li seħħew ma' xi ex studenta li kienet tattendi għat-taħriġ mas-soċjetà intimata, u li allegatament ġew attribwiti*

*lejn ir-rikorrenti, dawn mhux talli ma ġewx ippruvati, iżda l-istess rapport ġie magħluq u ma ittieħdu l-ebda passi mill-awtoritajiet konċernati.*

*Fid-dawl tal-fatt kif ġrat it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti, it-Tribunal bilfors ried iħares lejn xi proċeduri li ttieħdu sabiex is-soċjetà waslet għad-deċiżjoni hekk iebsa. It-Tribunal ma sab l-ebda provi tanġibbli li setgħu jippruvaw li ir-relazzjoni tant tajba li kellu ir-rikorrent bdiet tixxellef jew titkisser u li għal dan, is-soċjetà intimata lanqas biss kienet qiegħda tiġbed l-attenzjoni, jew aktar minn dan, twissi serjament li dak li kien qiegħed iseħħ ħażin min-naħa tar-rikorrent kien ser iwassal ghat-terminazzjoni mill-impjieg tiegħu. Il-fatt li saru allegazzjonijiet iżda li ma jiġux segwiti b'xi forma ta' penali (twissja; sospensjoni; qtugħ mis-salarju, eċċ), iżda li f'temp qasir ħafna tittieħdet deċiżjoni li s-soċjetà intimata tittermina l-impjieg tar-rikorrent u li dan jipprova jiġi iġġustifikat b'allegati nuqqasijiet li qatt ma ittieħdu passi dwarhom u aktar u aktar li tingħata impressjoni negattiva għall-integrità tar-rikorrent, dan ma jagħmilx gieħ lill-istess soċjetà intimata.*

*It-Tribunal Industrijali filwaqt li jifhem li f'ċirkostanzi ta' dixxiplina li jsiru f'termini ta' proċeduri bażiċi fejn ir-rikorrent jingħata iċ-ċans ta' smigħ xieraq, is-soċjetà tista' għar-raġunijiet validi tittermina impjieg, iżda meta ma tinstabx konsistenza bejn l-eventwalitajiet kollha li jkunu seħħew mad-deċiżjoni ta' terminazzjoni, it-Tribunal mhux ser jaċċetta xi tip ta' kamuffa sabiex tintuża bħal skuża sabiex ir-rikorrent jiġi itterminat.*

*Għal dawn il-fatti it-Tribunal Industrijali ġie f'dubbji serji fil-validiàt tar-raġunijiet miġjuba mis-soċjetà intimata li wasslet sabiex tippenallizza lir-rikorrent, b'dik li fil-kamp tax-xoghol iqis bħala il-piena kapitali, jiġifieri terminazzjoni mill-impjieg."*

## <u>L-Appell</u>

8. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 ta' Ottubru, 2019, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ġie dikjarat li t-tkeċċija mill-impjieg kienet inġusta, tħassar dik il-parti li biha t-Tribunal Industrijali llikwida s-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) bħala kumpens dovut lil Plamenov Angelov (K.I. Nru 27246A) u minflok tillikwida kumpens li jirrifletti*

*dawk il-fatturi kollha stabbiliti fl-artikolu 81(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u dan dejjem skont u sa fejn jista' jirriżulta mill-provi ġja prodotti fl-atti tal-kwistjoni tax-xogħol odjerna".*

Jista' jingħad li l-aggravju tagħha huwa wieħed u jirrigwarda l-mod kif it-Tribunal naqas milli jaħdem il-kumpens skont il-kriterji stabbiliti fil-liġi.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. L-appellat min-naħa tiegħu jwieġeb li din il-Qorti għandha tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tiċħad l-appell interpost mis-soċjetà appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta li jirrigwarda l-kumpens likwidat favur l-appellat, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-istess appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

11. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li t-Tribunal ma mexxiex skont il-kriterji stabbiliti permezz tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 meta wasal sabiex jillikwida l-kumpens dovut lill-appellat. Issostni li saħansitra l-ebda kumpens ma kellu jitħallas għaliex: (a) l-appellat kien sab impjieg ieħor; (b) il-*gym* inkwistjoni ma baqax jopera sa inqas minn sena wara t-tkeċċija tal-appellat. Is-soċjetà appellanta tiċċita silta mis-sentenza mogħtija fl-10 ta'

Ottubru, 2005, minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Peter Spiteri *vs.* Xuereb Glass Co. Ltd** sabiex issaħħaħ l-argument tagħha li meta t-Tribunal illikwida l-kumpens dovut, dan kellu jagħmlu skont il-kriterji stabbiliti mis-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Tagħmel ukoll riferiment għal sentenza oħra ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru, 2005, dejjem kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Saviour Sammut *vs.* Auto Sales Limited**. Tgħid li fil-każ odjern dan saħansitra ma setax isir għaliex l-appellat kien naqas milli jressaq il-provi opportuni, inkluż id-data tat-terminazzjoni tiegħu, dettalji dwar l-introjtu u l-impjieg kurrenti tiegħu, dettalji dwar is-snajja u/jew kwalifiki tiegħu. Tinsisti li għalhekk l-eżerċizzju li sar kien wieħed għalkollox arbitrarju mingħajr spjegazzjoni dwar il-mod li ġie kkalkolat u bla ma kien imsejjes fuq dak rikjest mil-liġi.

12. Min-naħa tiegħu l-appellat, filwaqt li jirrileva li s-soċjetà appellanta ma kinitx qiegħda tikkontesta l-fatt li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet waħda mingħajr raġuni valida fil-liġi, jissottometti li din ma ressqet l-ebda argument konvinċenti biżżejjed għalfejn din il-Qorti għandha tbiddel il-*quantum* tal-kumpens mogħti mit-Tribunal. L-appellat jiċċita dak li jipprovdi għalih il-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, kif ukoll jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi ċitati mis-soċjetà appellanta stess in sostenn tas-sottomissjonijiet tiegħu. Dan filwaqt li għamel ukoll riferiment għal sentenzi oħra ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fejn sostna li minn din il-ġurisprudenza seta' jinsilet li t-Tribunal għandu diskrezzjoni wiesgħa fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. Sostna wkoll li din id-diskrezzjoni għandha tkun waħda li tiġi eżerċitata b'mod *boni viri*

msejsa fuq apprezzament ekwu skont il-mudell tal-*bonus paterfamilias,* u b'hekk jinżamm qies taċ-ċirkostanzi fattwali kollha kif rikonċiljati mal-eżerċizzju korrett tal-poteri tiegħu fl-ambitu tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. L-appellat jikkontendi li dan l-artikolu mhux eżawrenti u hemmhekk għandu jittieħed ukoll inkonsiderazzjoni dak li jkun sofra l-impjegat, anki mil-lat morali, bħala konsegwenza tal-isfiduċja inġusta li jintwera mill-prinċipal tiegħu. Innega dak li ġie allegat mis-soċjetà appellanta li huwa ma kienx tilef il-flus, għaliex huwa kien għamel żmien twil mingħajr xogħol u anki meta sab xogħol ieħor, huwa ma baqax igawdi mill-istess kundizzjonijiet vantaġġjużi. Huwa kien spiċċa saħansitra mil-lejl għan-nhar mingħajr xogħol u mingħajr post fejn jgħix. Barra minn hekk huwa kien ħabbat wiċċu ma' diffikultajiet kbar sabiex isib xogħol ta' għalliem tal-ġinnastika, kif kien imħarreġ u kkwalifikat, dan minħabba x-xnigħat li bdiet ixxerred is-soċjetà appellanta f'tentattiv sabiex teżonera ruħha mir-responsabbilità għat-tkeċċija inġusta tiegħu. L-appellant isostni li l-argument tas-soċjetà appellanta li l-*gym* ma kienx baqa' jopera, ma kienx ireġi għaliex dan ma kienx fattur determinanti fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut. Jinsisti li l-kumpens ta' €5,000 ma setax jitqies bl-ebda mod bħala wieħed għoli, imma għall-kuntrarju huwa wieħed moderat jekk mhux modest. Kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà appellanta, l-appellat irrileva li huwa kien xehed dwar l-introjtu tiegħu u hawnhekk iċċita l-parti rilevanti mix-xhieda tiegħu. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta ma kkontradixxietx ix-xhieda tiegħu u għażlet li ma tagħmilx kontroeżami tiegħu. Filwaqt li l-appellat jagħmel referenza għal dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tat-23 ta' April, 2018, fl-ismijiet **Publius Davison *vs.* De La**

**Rue Currency and Security Print Limited,** issottometta li l-eżerċizzju magħmul mit-Tribunal kien wieħed korrett u l-appell għandu jiġi miċħud.

13. il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn tqis li t-Tribunal naqas milli jħares id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 meta illikwida l-kumpens dovut lill-appellat. Dan is-subartikolu jgħid:

> *"Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem".*

14. Fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal iddikjara li huwa kien qed jasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li mhux biss sema' x-xhieda tal-partijiet, iżda wara li kien ukoll *"... qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa in kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet...".* Din il-Qorti tissenjala li l-motivazzjoni ta' deċiżjoni tagħmel parti essenzjali tagħha u fil-każ odjern għalkemm it-Tribunal ma fissirx ir-raġunijiet tiegħu fit-tul meta wasal sabiex illikwida l-kumpens fl-ammont deċiż, tikkunsidra li huwa ssodisfa d-dettami tal-liġi. Id-dikjarazzjoni kif magħmula mit-Tribunal hija suffiċjenti sabiex tikkonvinċiha li huwa wasal għad-deċiżjoni finali tiegħu abbażi fost oħrajn, ta' dawk il-kriterji msemmija fil-liġi li jirriżultaw mix-xhieda mhux kontestata magħmula permezz tal-*affidavit*[1] tal-appellat.

15. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li għall-kuntrarju t-Tribunal ma mexxiex skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi u tidħol saħansitra fil-mertu sabiex tissostanzja

[1] *A fol.* 152.

l-argument tagħha. Iżda l-Qorti tirrileva li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal huwa permess biss mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 minn punt ta' liġi fejn il-kwistjoni hija dik ta' tkeċċija inġusta, u għalhekk il-Qorti hija prekluża milli tindaga u tindaħal fid-diskrezzjoni eżerċitata mit-Tribunal.

16. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tas-soċjetà appellanta mhux ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**